MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 2375/2003

**Elton Scicluna**

**vs**

**Maria Hall**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta erba’ mija u disghin lira Maltin (Lm490.00) dovuti bhala prezz ta’ materjal u xoghol esegwit fuq inkarigu taghha.
Bl-ispejes inkluzi dawk tal-ittra nterpellaltorja tas-7 ta’ Novembru 2003 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subiizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

Illi l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn l-attur.

In effetti li kien gara kien illi hija inkarigat lil missier l-attur, certu Edwin Scicluna, biex jaghmel xoghol fuq il-bejt. Dan ix-xoghol sar hazin peress li l-bejt beda jnixxi l-ilma u wara li l-konvenuta regghat talbet lil dan Edwin Scicluna sabiex jirrimedja x-xoghol hazin dan baghat lit-tifel tieghu, l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-atur, ta' Edwin Scicluna, tal-konvenuta, ta' Roger Agius, John Catania u ta' Michael Hall. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kiollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukalti difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-attur fil-kawza odjerna jirrigwarda prezz ta' xoghol u materjal meta huwa wahhal il-mebrane fuq il-bejt tad-dar propjeta' tal-attrici. Il-konvenuta teccepixxi n-nuqqas ta' relazzjoni guridika mal-attur ghaliex issostni li hija kenet qabdet lil Edwin Scicluna, u cioe' missier l-attur, iwahlilha l-madum fuq il-bejt. Dan tal-ahhar kien imsista maggha li ma kellhiex ghalfejn taghmel membrane taht il-madum u hija hadet il-parir tieghu. Wara li ghadda ftit taz-zmien u ghamlet l-ewwel xita lill-konvneuta dahlilha hafna ilma. Hija ssostni li meta cemplet lil Edwin Scicluna sabiex tilmenta dan kien mar fuq il-post u bidlilha l-kulur taz-zebgha bejn il-fili. Hija ssostni li wara li rega dahliha l-ilma Edwin Scicluna kien baghat lill-ibnu sabiex iwahhal il-membrane.

Mhuwiex kontestat li kien l-attur li ghamel ix-xoghol li tieghu qed jitlob il-prezz fil-kawza odjerna. Irrizuta wkoll li l-konvenuta kienet taf li kien it-tifel tal-attur li kien ser jaghmlilha x-xoghol u anki li precedentement huwa kien diga' ghamlilha xi xogho konsistenti fi twahhil ta'

membrane. Inoltre hija ammettiet li qatt ma kien intqal lilha li x-xoghol ta’ tqeghid ta’ membrane kien ser isir bla hlas.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni qed tigi michuda.

In kwantu jirrigwarda l-eccezzjonijiet tal-konvneuta fil-mertu dawn ukoll ser jigu michuda. L-attrici ma pruvatx li x-xoghol maghmul minn Edwin Scicluna u konsostenti fi tqeghd ta’ madum kien sar hazin u li kien ghal din ir-raguni li hija kellha taghmel il-membrane. Inoltre anki kieku stess dan kellu jirizulta pruvat, irid jinghad lli Edwin Scicluna m’huwiex parti f’din il-kawza u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvneuta ma jistghux jigu diretti kontrih. Irid jgi rilevat fir-rigward li l-konvenuta stqarret li hija ma haditx passi kontra Edwin Scicluna sabiex tigi kumpensat ghax-xoghol li allegatament sar hazin.

L-ammont milub wkoll qed jgi kontestat bhala eccessiv u l-konvenuta tghid li wara li tlesta x-xoghol l-attur kien talabha s-somma ta’ Lm250.00 u sussegwentement kienet irceviet ittra minghand l-avukat tal-attur fejn intalbet thallas Lm500.00. L-attur prezenta l-ircevuta rigwardanti l-prezz tal-materjal supplit lill-konvenuta (a fol. 48) li kien jammonta ghal- Lm289.50 u ghalhekk wiehed difficilment jemmen kif l-attur seta’ taalbha Lm250.00 bhala prezz kumplessiv tal-materjal u tax-xoghlijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltin (Lm490.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------